# PJAN TAL-LEZZJONI

**Titlu: Ta' madwari**

**Subtitle: 8.4 Min qed jgħinna nikbru?**

**Għanijiet:**

Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jitgħallmu xi tfisser li turi apprezzament b'eżempji konkreti.
2. janalizzaw b'mod konkret l-apprezzament lejn min jieħu ħsiebhom (l-għalliema, il-ġenituri...).
3. japprezzaw dak li jagħmlu għalihom ta' madwarhom b'mod partikolari l-affarijiet li ma jinxtrawx bil-flus.



**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Video – Il-Parabbola tal-Imġiddmin
- Karti ta' taħriġ 8.4
- karta A5 kull student
- Imqass
- Pawerpojnt

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-video fejn fil-bidu t-tfal ser jiġu msaqsa sabiex jirriflettu ftit jekk qattx taw xi ħaġa lil xi ħadd xi darba u ma qalulhomx 'grazzi'. Iddiskutu dak li wieħed iħoss meta dan jiġri.
- spjega li ser jaraw u jisimgħu storja fejn fiha naraw nies li ma japprezzawx u oħrajn li japprezzaw dak li jagħmel ħaddieħor għalihom. Skond l-għażla tal-għalliem, l-għalliem/a tista' tispjega bil-Malti jekk tħoss il-bżonn li tfiehem aktar fid-dettall jew b'mod aktar sempliċi.
- - staqsi: Ġesù kemm fejjaq nies?Kif ħassewhom meta ndunaw li ġew mfejqa? Kemm marru jgħidulu grazzi? Kif taħsbu li ħassu Ġesù? Aħna ma nistgħux infejqu lil nies oħra iżda , nistgħu inferħu lil ħaddieħor? Kif tħossukom meta jgħidulkom "Grazzi"?

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



**Pawerpojnt**

- Spjega li ħa jaraw sitwazzjoni reali fejn minflok jintwera apprezzament naraw tifel li jeħduha kontra xi ħadd li jħobbu.

**Sitwazzjoni A:**

- Niddiskutu kif il-missier għamel li għamel sabiex jgħin lit-tifel japprezza aktar dak li għandu. Hu għandu bżonn japprezza li l-missier minkejja li kien jaf li kien ser jidher ikrah ma' ibnu , xorta għażel li jikkoreġih għax kien jaf li għal ġid tiegħu.
- **Slajd 6:** It-tfal ser jaħsbu u jiddiskutu l-affarijiet sbieħ kollha li jagħmlu għalihom familthom.
- **Slajd 7:** Ngħinu lil Marija.
- Staqsi lit-tfal x'tista' tagħmel Marija sabiex turi lil ommha kemm tapprezza dak kollu li tagħmel magħha?X'nistgħu nagħmlu aħna?
-

**Slajds 8-9** : Japprezzaw dak li jagħmlu għalihom sħabhom u l-għalliema billi jaħsbu fl-affarijiet li jagħmlu għalihom.

**Fl-aħħar slajd** it-tfal ser jingħataw *lista* fejn ser jiġi diskuss liema huma l-modi tajba sabiex nuru apprezzament.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.4 u wara li taqra s-silta mogħtija ddiskuti x'jonqos fl-istampa
- Spjega Attivita 2 u flimkien it-tfal jaslu biex ipoġġu n-numru ħdejn s-sentenza t-tajba
- Iddiskuti Attivta 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li nghinu u nkunu ferħanin fiċ-ċirkustanzi li nkunu fihom.
- Agħlaq il-lezzjoni b'talba addattata

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

- Irridu napprezzaw l-affarijiet sbieħ li jagħmlu għalina n-nies ta' madwarna

- Biex turi apprezzament m'għandekx bżonn toqgħod tixtri r-rigali imma b'sempliċiment 'Grazzi' .




- Nagħtu l-għajnuna tagħna tkun qed tagħmel ġest sabiħ.

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

- It-tfal ser juru apprezzament lejn dak kollu li jagħmel ħaddieħor għalihom, b'mod partikolari n-nies fil-qrib bħall-għalliema, familja, ħbieb u katekisti.

- It-tfal ser jesperjenzaw dak li jħossu n-nies meta turihom apprezzament permezz ta' eżerċizzju fejn it-tfal ser jiktbu nota ta' ringrazzjament lil persuna/i u wara jaqsmu ma' xulxin fil-klassi dak li ħassew n-nies li rċevew il-karta u kif ħassewhom huma stess.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Noti ta' mħabba(optional)

It-tfal ser jingħataw karta A5. Huma ser jaqtgħu l-karta f'forma ta' qalb u fiha huma se jiktbu messaġġ ta' grazzi lil xi ħadd li jridu huma (familja, għalliema...). Spjega li idealment ma jagħżlux ħbieb minn tal-klassi għaliex dan iċ-ċans ser jingħata f'lezzjoni oħra. Ser jittellgħu ftit mill-ismijiet sabiex jaqraw il-messaġġ tagħhom. Inkoraġixxi lit-tfal sabiex il-messaġġ jagħtuh lill-persuna li jkunu kitbuha għalih/a dakinhar u l-għada jaqsmu mal-klassi l-emozzjonijiet li ser juri/turi l-persuna li tirċievi l-messaġġ.



## Nitolbu

Grazzi Mulej tal-familja kollha tiegħi. Issa naf kemm jagħmlu sagrifiċċji għalina kuljum. Grazzi għall-għalliem/a tagħna ta' kemm t/jagħmel għalina biex nitgħallmu kuljum. Grazzi wkoll tal-ħbieb sinċiera li tajtna. Grazzi Mulej ta' kemm dawwartna b'nies li jħobbuna u jieħdu ħsiebna.

